MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 1855/1998/1

**Vanguard Billiard Tables Ltd.**

**v.**

**Anthony Saliba**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell mill-konvenut Anthony Saliba minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Frar 2007 li biha dik il-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-

konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mija sitta u hamsin lira u ghaxar centezmi (Lm1156.10) dovuti kif hemm indikat fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-1 ta’ Gunju 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Is-socjeta` attrici kienet ipprezentat citazzjoni fejn ippremettiet:
“Illi permezz ta’ skrittura privata datata 28 ta’ Settembru 1988 (Dok A), il-konvenut ircieva b’self minghand is-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta’ elfejn u sitt mitt lira (Lm2600);

“Illi mis-somma fuq imsemmija, il-konvenut ghadu debitur fis-somma ta’ elf mija sitta u hamsin lira u ghaxar centezmi (LM1156.10c) li tikkomprendi l-interessi kalkolati sal-31 ta’ Mejju, 1998;

“Illi dan il-kreditu tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata Dok B;”

Ghalhekk is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:
“1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

“2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mija sitta u hamsin lira u ghaxar centezmi (Lm1156.10) dovuti kif fuq intqal;”

Il-konvenut ipprezenta nota tal-eccezzjoniiet a fol. 13 fejn eccepixxa li:-
“1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju mhux integru stante li Saviour Baldacchino ghandu nteress fil-kawza u dan kif del resto jirrizulta mid-dokumenti esibiti u ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

“2. Illi fil-mertu, il-kuntratt li qed tinvoka s-socjeta` attrici di fronte tal-konvenut m’ghadux aktar jorbot bejn il-partijiet peress li kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza l-istess socjeta` attrici rrinunzjat ghal kull dritt li

kellha di fronte tal-eccipjent u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

“3. Illi fi kwalunkwe kaz, fit-termini tal-istess ftehim datat 28 ta’ Settembru 1988 l-azzjoni li kellha tipproponi s-socjeta` attrici kienet dik ghad-danni u mhux dik biex tirrejalizza s-self moghti;

“4. Illi fl-ahhar nett jigi eccepit li l-ammont mitlub huwa aktar minn dak moghti, *dato ma non concesso* li t-talbiet attrici huma fondati;

“5. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Il-konvenut ipprezenta nota ta’ eccezzjonjiet ulterjuri a fol. 39 li tghid hekk:
“1. Li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.”

**<u>Decizjoni tal-ewwel Qorti</u>**

L-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici.

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.
“Is-socjeta` attrici taghmel referenza ghal skrittura privata tat-28 ta’ Settembru 1988 li biha l-konvenut ircieva b’self minghand is-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta’ elfejn u sitt mitt liri Maltin (Lm2600). Is-socjeta` attrici tippremetti li l-konvenut ghad ghandu jaghti s-somma ta’ elf mija sitta u hamsin lira u ghaxar centezmi (Lm1156.10) inkluz l-imghax sal-31 ta’ Mejju, 1998. Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

“Il-konvenut qed jeccepixxi li l-gudizzju mhux integru stante li Saviour Baldacchino ghandu nteress fil-kawza u dan kif del resto jirrizulta mid-dokumenti esibiti. Fil-mertu l-konvenut jeccepixxi li l-kuntratt in kwestjoni m’ghadux aktar jorbot bejn il-partijiet peress li l-istess socjeta` attrici rrinunzjat ghal kull dritt li kellha di fronte tal-eccipjent u li, fi kwalunkwe kaz, fit-termini tal-istess ftehim l-azzjoni li

kellha tipproponi s-socjeta` attrici kienet dik ghad-danni. Fl-ahhar nett eccepixxa li l-ammont mitlub huwa aktar minn dak moghti. L-istess konvenut eccepixxa ulterjorment li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"L-ewwel li trid tigi ezaminata hi l-imsemmija eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut. L-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili jipprovdi li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu li gej minn operazzjonijiet kummercjali jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin. F'dan ir-rigward giet prezentata kopja legali tal-ittra ufficjali prezentata mis-socjeta` attrici kontra l-konvenut fis-26 ta' Settembru 1996. Jirrizulta ukoll li din l-ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-konvenut fit-3 ta' Ottubru 1996. Jirrizulta li l-konvenut ghamel l-ahhar pagament tieghu fit-30 ta' Settembru 1991 u ghalhekk l-imsemmija ittra ufficjali giet prezentata qabel l-gheluq tal-imsemmi perjodu ta' hames snin li trid il-ligi. Jidher ghalhekk li s-socjeta` attrici interrompiet l-istess preiodu preskrittiv. Ghalhekk fi kwalunkwe kas din l-ecezzjoni tal-preskrizzjoni ma tista qatt tigi akkolta;

"Jirrizulta li Saviour Baldacchino, li hu msemmi fl-eccezzjonijiet tal-konvenut ma ghandux x'jaqsam mal-kwestjoni mertu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk ma jirrizultax li l-gudizzju mhux integru. In effett l-istess Saviour Baldacchino jinsemma biss fl-iskrittura in kwestjoni pero` l-istess Baldacchino ma kienx parti ghall-istess skrittura u lanqas ma ffirmha;

"Min-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut jidher li bazikament l-eccezzjonijiet tieghu jirrigwardaw il-kwestjoni jekk il-kuntratt in kwestjoni ghadux jorbot bejn il-partijiet peress li, skond il-konvenut, l-istess socjeta` attrici rrinunzjat ghal kull dritt li kellha di fronte tal-eccipjent;

"Il-konvenut mhux qed jikkontesta l-fatt li huwa ghad ghandu jaghti lis-socjeta` attrici. Lanqas qed jikkontesta l-quantum li ghandu jaghti. Huwa qed jghid li d-dejn in kwestjoni kien gie mahfur mid-direttur tas-socjeta` attrici Alfred Schembri;

“F’dan ir-rigward il-konvenut ipproducja diversi xhieda li qalu li waqt li huma kienu mal-konvenut fil-pub tal-imsemmi Alfred Schembri gewwa Bugibba, dan Alfred Schembri qal xi kliem lill-istess konvenut liema kliem setghu indikaw li d-dejn in kwestjoni kien qed jigi mahfur. In effett Johan Darmanin qal li Alfred Schembri ghannaq lill-konvenut u qallu biex jinsa kollox. Ray Debattista qal li sema’ lil Alfred Schembri jghid lill-konvenut -"thabbilx rasek, hemmhekk kollox sew". Mauro Azzopardi qal li Alfred Schembri kien avvicina l-konvenut u qallu “milli ghedna m'hemm xejn, insa kollox” u “I look forward li nergghu nibdew nahdmu flimkien.” Il-konvenut ukoll ikkonferma din il-cirkostanza u qal li kien avvicinah Alfred Schembri u rrefera ghall-kwistjoni li hija l-meritu ta' din il-kawza;

“Jigi puntwalizzat li l-imsemmi Alfred Schembri cahad li qatt hafer id-dejn in kwestjoni u cahad li qatt qal lill-konvenut biex jinsa kollox ghar-rigward tal-istess dejn;

“Hu minnu li l-Artikolu 1145(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li l-obbligazzjonijiet jispiccaw bil-mahfra tad-dejn. Hu minnu ukoll li l-ligi ma tirrekjedix xi formalita` partikolari biex id-dejn jinhafer. Pero` tali mahfra trid tirrizulta sufficjentemant pruvata. Fil-kaz in ezami dan il-kreditu gie ikkreat permezz ta’ skrittura u ghalhekk hu mistenni li jekk ikun hemm mahfra din ghandha tirrizulta wkoll minn skrittura. Fin-nuqqas ta’ tali skrittura, x-xhieda prodotti mill-konvenut m’humiex ghal kollox affidabbli u ghalhekk il-Qorti ma tistax taghti kreditu lil dak li qalu dawn l-istess xhieda. Del resto d-direttur in kwestjoni tas-socjeta` attrici cahad li huwa qatt hafer id-dejn in kwestjoni. Lanqas ma tirrizulta l-icken raguni ghala d-dejn kellu jigi mahfur. Lanqas ma tirrizulta l-intenzjoni tal-istess Alfred Schembri li d-debitu jinhafer;

“Il-konvenut lanqas ma hu affidabbli. In effett huwa stess ammetta li dwar l-allegata mahfra m’ghandu xejn bil-miktub. L-istess konvenut jghid li kien jaghmel notamenti kull meta kien jaghmel pagament. Pero` qal li dawn in-notamenti ma setax jipproducihom peress li kien tilifhom. Ir-raguni li jaghti ghaliex tilifhom mhux kredibbli;

"In vista tal-premess u fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati. Peress li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;"

**Rikors tal-appell tal-konvenut**

Il-konvenut hassu aggaravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha.

Iz-zewg aggravji principali li ressaq l-appellant huma l-istess bhall-ewwel zewg eccezzjonijiet li hu kien ressaq quddiem l-ewwel Qorti u li kienu gew michuda minn dik il-Qorti. L-appellant qed jibqa' jinsisti li l-gudizzju mhux integru stante li Saviour Baldacchino ghandu nteress fil-kawza kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti. It-tieni aggravju huwa li d-dejn gie mahfur mis-socjeta` attrici.

Is-socjeta` appellata ma wiegbitx bil-miktub izda saret risposta orali mid-difensur taghhom fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2009.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jirritjeni li skond id-Dok. A (a fol. 5) f'Schedule III, fl-Artikolu 5 hemm dispost li " *This agreement is being signed with the knowledge of Mr. Saviour Baldacchino with whom there is another agreement referring to the same club*" u ghalhekk jargumenta li hu u Baldacchino ma kienux kodebituri izda kull wiehed minnhom huwa debitur ghall-istess ammont u separatament lejn is-socjeta` appellata. Ghalhekk Saviour Baldacchino kellu jkun kontradittur fil-kawza biex jigi integrat il-gudizzju.

L-appellant qed ighid li l-gudizzju mhux integru billi Baldacchino kellu jkun fil-kawza ghax ghandu interess kif jirrizulta mid-dokumenti esibiti. Mill-provi prodotti jirrizulta li Baldacchino kien socju mal-konvenut fl-operazzoni fir-Radio City. Huma kienu jgibu makni tal-loghob minghand l-appellati u kienu jiehdu r-rikavat minnhom skond porzjon

miftiehem. L-appellati kienu wkoll sellfu xi flus kemm lill-appellant kif ukoll lil Baldacchino, izda dan permezz ta' skritturi separati, ghalkemm fil-kaz tal-appellant, Baldacchino kien jaf bil-*loan* li saret lill-appellant. Baldacchino kien hallas lura d-dejn li kellu izda mhux hekk ghamel l-appellant. Kemm Baldacchino kif ukoll Saliba kienu jhallsu lura d-dejn mill-porzjon ta' *takings* li kienu jdahhlu mill-makni, izda kull wiehed separatament. Ghalhekk Baldacchino ma kellu x'jaqsam xejn mas-self li sar lil Saliba mill-appellati u ma kienx la parti u lanqas firmatarju tal-iskrittura Dok. A. Il-kawza li saret mill-appellati kontra Saliba kienet ghad-dejn dovut skond din l-iskrittura, li Baldacchino ma kellux x'jaqsam maghha. Isegwi ghalhekk li ma kienx hemm bzonn tal-prezenza tieghu f'din il-kawza biex il-gudizzju jkun integru.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi michud.

It-tieni aggravju tal-appellant hu li d-dejn gie mahfur mis-socjeta` appellata. Hu jissottometti li l-ewwel Qorti ma kellha ebda raguni ghalfejn ma ssibx lill-konvenut u x-xhieda minnu prodotti affidabbli meta kollox kien jindika li kien sar kliem fis-sens li dan id-debitu gie mahfur.

Il-Qorti tirrileva li dan l-aggarvju mhux impernjat fuq xi punt ta' dritt imma fl-essenza tieghu huwa kritika lejn l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Hu pacifiku li din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal raguni gravi u sakemm l-appellant (li fuqu tinkombi l-prova) ma jissodisfax lill-Qorti li hemm ragunijiet validi bizzejjed sabiex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti.

Il-Qorti rat is-sentenza appellata u r-ragunijiet li l-ewwel Qorti tat f'dan ir-rigward, kif ukoll regghet ezaminat il-provi u x-xhieda li gew prodotti f'din il-kawza u tasal biex taqbel mal-konkluzjoni taghha. L-ewwel Qorti ma waslitx ghall-konkluzjoni taghha semplicement ghax qalet li l-konvenut u x-xhieda minnu prodotti m'humiex affidabbili u waqfet hemm; izda hadet in konsiderazzjoni c-cahda kategorika

ta’ Alfred Schembri (fol. 53/4), u l-fatt li ma ngabet ebda raguni ghaliex dan Schembri kellu jahfer lill-appellant l-ammont dovut. Inoltre l-ewwel Qorti argumentat li ladarba dan is-self sar bi skrittura wiehed kien jistenna li jekk kien ser ikun hemm mahfra din kellha tkun ukoll permezz ta’ skrittura, avolja legalment ma hemmx bzonn ta’ dina l-formalita`. Ovvjament biex il-mahfra tirrizulta, trid tirrizulta ukoll l-intenzjoni tal-parti li qed tahfer id-dejn li fil-fatt hekk riedet taghmel. L-ewwel Qorti pero` iddecidiet li lanqas ma kienet tirrizulta l-intenzjoni ta’ Alfred Schembri li d-debitu jinhafer. L-iskrittura tal-kreditu baqghet ghand is-socjeta` appellata u din tkompli tikkonferma li ma kienx hemm hsieb li d-debitur jigi mehlus ( ara Art.1193 Kap. 16). Ghalhekk l-ewwel Qorti hasset li fic-cirkostanzi din l-allegata mahfra ma gietx sodisfacentement pruvata.

Dan l-aggravju wkoll qed jigi michud.

L-appellant issottometta (ghalkemm ma jissemmghux bhala aggravji) li l-azzjoni proponibbli ghas-socjeta` attrici ma kellhiex tkun dik ghar-realizzazzjoni tas-self moghti izda ghal danni; u li l-ammonti mitluba ma kienux dovuti.

Kwantu ghall-ewwel sottomissjoni, jirrizulta mill-provi li l-ammont mitlub huwa ghall-bilanc ta’ ammont dovut fuq self, u ghall xejn aktar, ghalhekk it-talba li kellha ssir hi dik kif proposta fic-citazzjoni.

Dwar l-ammonti mitluba xehed Daniel Schembri u John Grech li kkonferma li l-ammont mitlub hu dovut (ara Dok. DS1 a fol. 21). Ghalkemm l-appellant jghid li hu kien jaghmel notamenti kull meta jhallas lura, dawn in-notamenti hu ma setax jipproducihom peress li kien tilifhom. Il-pagament li kien jaghmel l-appellant pero` kienu dejjem jigu riflessi fid-dokument a fol. 21.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta’ dina l-istanza jithallsu wkoll mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------